



PE472.302v01-00

26.9.2011

EMENDI 1 - 51

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Françoise Grossetête

f'isem il-Grupp PPE

Linda McAvan

f'isem il-Grupp S&D

Theodoros Skylakakis

f'isem il-Grupp ALDE

Miroslav Ouzký

f'isem il-Grupp ECR

Bart Staes

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Kartika Tamara Liotard

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Oreste Rossi

f'isem il-Grupp EFD

(PE472.229v01-00)

It-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika

AM_Com_NonLegRE

Emenda 1
Mairead McGuinness

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1 a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra l-Opinjoni Xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) "on the public health risks of bacterial strains producing extended-spectrum β -lactamases and/or AmpC β -lactamases in food and food-producing animals" (dwar ir-riskji għas-saħħa pubblika tar-rażez batteriċi responsabbli mill-produzzjoni ta' β -lattamażi u/jew β -lattamażi tat-tip AmpC ta' spettru wiesa' fl-ikel u fl-animali li jipproduċu l-ikel) ippubblikata f'Awwissu 2011;

Or. en

Emenda 2
Françoise Grossetête

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

D. billi t-tnedija ta' kull antibijotiku ġdid kienet u se tkun segwita minn reżistenza fil-batterji fil-mira; billi l-iżvilupp ***kostanti*** ta' aġenti antimikrobiċi ġodda ***ma jistax iżomm il-pass mal-iżvilupp ta' reżistenzi u*** għalhekk jiġbed l-attenzjoni għall-prijorità li jiġi garantit li l-użu tal-antibijotiċi huwa kkontrollat u limitat b'mod effikaċi esklużivament għat-trattament neċessarju,

D. billi t-tnedija ta' kull antibijotiku ġdid kienet u se tkun segwita minn reżistenza fil-batterji fil-mira; billi ***ż-żamma ta' kapaċità effettiva għall-ġlieda kontra l-mard infettiv teħtieġ kemm*** l-iżvilupp ta' aġenti antimikrobiċi ġodda ***kif ukoll il-konservazzjoni mtejba tar-riżorsi antibijotiċi eżistenti***; għalhekk jiġbed l-attenzjoni għall-prijorità li jiġi garantit li l-użu tal-antibijotiċi huwa kkontrollat u limitat b'mod effikaċi esklużivament għat-trattament neċessarju,

Or. en

Emenda 3

Kartika Tamara Liotard
fisem il-Grupp GUE/NGL

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni Premessa F a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni

Emenda

***Fa. billi perċentwal għoli ta' infezzjonijiet
nożokomjali huwa kkawżat minn batterji
estremament reżistenti għall-
iStaphylococcus aureus reżistenti għall-
metiċillina (MRSA),***

Or. en

Emenda 4

Bill Newton Dunn

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni Premessa F a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni

Emenda

***Fa. billi r-razez batteriċi reżistenti
jirrappreżentaw riskju gravi għas-
sikurezza tal-pazjenti f'termini ta'
infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-
saħħa, bħall-C. difficile u l-MRSA,***

Or. en

Emenda 5

Horst Schnellhardt
Christa Klaß

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni Premessa H

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni

Emenda

**H. billi jeżistu rabtiet ċari bejn l-użu ta'
antibijotiċi għal skopijiet veterinarji u l-**

**H. billi r-rwol tal-annimali, tal-ikel li
joriġina mill-annimali u tal-batterji**

iżvilupp tar-reżistenza fil-bniedem; billi minkejja l-projbizzjoni tal-użu ta' antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir, jidher li ma ġie rreġistrat l-ebda tnaqqis sinifikanti fil-konsum ta' antibijotiċi fis-settur veterinarju, li għadu jintuża sistematikament għal skopijiet ta' "profilassi" minħabba prattiki agrikolari insostenibbli,

reżistenti preżenti fit-trobbija tal-animali, fir-rigward tat-trasferiment tar-RAM lill-bnedmin u tal-perikli potenzjali tiegħu jista' jkun li mhuwiex ċar biżżejjed; billi l-użu ta' antibijotiċi f'livelli subterapewtiċi fit-trobbija tal-animali huwa pprojbit fl-UE,

Or. en

Emenda 6 **Esther Herranz García**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa H**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi *jeżistu rabtiet ċari bejn l-użu ta' antibijotiċi għal skopijiet veterinarji u l-iżvilupp tar-reżistenza fil-bniedem; billi minkejja l-projbizzjoni tal-użu ta' antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir, jidher li ma ġie rreġistrat l-ebda tnaqqis sinifikanti fil-konsum ta' antibijotiċi fis-settur veterinarju, li għadu jintuża sistematikament għal skopijiet ta' "profilassi" minħabba prattiki agrikolari insostenibbli,*

Emenda

H. billi minkejja l-projbizzjoni tal-użu ta' antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir *u t-tnaqqis* fil-konsum ta' antibijotiċi fis-settur veterinarju, *jeħtieġu sforzi supplementari biex jiġu evitati* skopijiet ta' "profilassi" *inadegwati billi jittejbu l-prattiki* agrikoli, *jingħata kontribut lill-minimizzazzjoni tar-riskju potenzjali assoċjat mal-użu ta' antibijotiċi għal skopijiet veterinarji u l-iżvilupp ta' reżistenza fil-bniedem,*

Or. en

Emenda 7 **Britta Reimers**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni **Premessa H**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. *billi jeżistu rabtiet ċari bejn l-użu ta'*

Emenda

H. billi *parti konsiderevoli tar-reżistenza*

antibijotiċi għal skopijiet veterinarji u l-iżvilupp tar-reżistenza fil-bniedem; billi minkejja l-projbizzjoni tal-użu ta' antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir, jidher li ma ġie rreġistrat l-ebda tnaqqis sinifikanti fil-konsum ta' antibijotiċi fis-settur veterinarju, li għadu jintuża sistematikament għal skopijiet ta' "profilassi" minħabba prattiki agrikoli insostenibbli,

antimikrobika hija preskritta għall-użu fl-annimali u r-RAM tolqot kemm il-bnedmin kif ukoll l-annimali u tista' wkoll tgħaddi kemm mill-bnedmin għall-annimali u viċi versa, din hija tassew kwistjoni trasversali li tirrikjedi approċċ koordinat f'livell Komunitarju, minkejja l-projbizzjoni tal-użu ta' antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir, jidher li ma ġie rreġistrat l-ebda tnaqqis sinifikanti fil-konsum ta' antibijotiċi fis-settur veterinarju ***u tal-bniedem,*** li għadu jintuża sistematikament għal skopijiet ta' "profilassi" minħabba prattiki agrikoli insostenibbli,

Or. en

**Emenda 8
Mairead McGuinness**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H a (ġdida)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ħa. billi t-trobbija tajba tal-annimali tnaqqas sal-minimu l-bżonn ta' antibijotiċi,

Or. en

**Emenda 9
Horst Schnellhardt
Christa Klauß**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H a (ġdida)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ħa. billi r-reżistenza antimikrobika fil-bnedmin sikwit hija kkawżata minn doġi

*inadegwati ta' antibijotiċi, minn kuri
żbaljati u permezz tal-esponiment
kontinwu tal-organiżmi patoġeni għall-
aġenti antimikrobiċi fl-isptarijiet,*

Or. en

Emenda 10
Horst Schnellhardt
Christa Klab

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

I. billi l-azzjoni **kontra r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi** fil-mediċini tal-bniedem **ma tistax għaldaqstant ma tittiħidx flimkien ma' miżuri intiżi biex jiġġieldu r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi** fil-mediċini veterinarji, fl-għalf u fil-koltivazzjoni ta' għelejjel,

Emenda

I. billi l-azzjoni **biex tiżgura l-effikaċja tat-trattamenti bl-antibijotiċi teħtieġ tkun attenta għall-użu** fil-mediċini tal-bniedem, fil-mediċini veterinarji, fl-għalf u fil-koltivazzjoni ta' għelejjel,

Or. en

Emenda 11
Mairead McGuinness

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ia. billi l-EPRUMA hija inizzjattiva b'ħafna partijiet interessati intiża li tippromwovi l-użu responsabbli tal-mediċini veterinarji; josserva li l-kunċett ta' One Health ikopri kemm il-mediċini tal-bniedem kif ukoll dawg veterinarji u li l-EPRUMA tirrikonoxxi l-aġenti antimikrobiċi bħala problema fl-ambitu ta' One Health,

Emenda 12
Theodoros Skylakakis

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni
Premessa J

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni

J. billi huwa ċar li r-reżistenza antimikrobika tikkostitwixxi fenomenu li għandu implikazzjonijiet transfruntieri u ma tistax tiġi eskluża l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet estremi li wisq probabbli ma tkunx tista' tiġi ġestita bir-riżorsi u bl-għarfien attwali,

Emenda

J. billi huwa ċar li r-reżistenza antimikrobika tikkostitwixxi fenomenu li għandu implikazzjonijiet transfruntieri u ma tistax tiġi eskluża l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet estremi li wisq probabbli ma tkunx tista' tiġi ġestita bir-riżorsi u bl-għarfien attwali ***u jaf ikollhom riperkussjonijiet fuq livell mediku, soċjali u ekonomiku imprevedibbli,***

Emenda 13
Theodoros Skylakakis

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni
Premessa J a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal risoluzzjoni

J. billi huwa ċar li r-reżistenza antimikrobika tikkostitwixxi fenomenu li jgħaddi minn r-risorse dinjin mhux rinnovabbli, hija kkawżata mill-attività tal-bniedem u hija marbuta mal-imġiba tagħna,

Emenda

Ja. billi r-reżistenza antimikrobika hija fenomenu li jgħaddi minn r-risorse dinjin mhux rinnovabbli, hija kkawżata mill-attività tal-bniedem u hija marbuta mal-imġiba tagħna,

Emenda 14
Kartika Tamara Liotard
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J a (ġdida)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***Ja. billi l-użu inadegwat u irrazzjonali tal-
mediċini antimikrobiċi joffri
kundizzjonijiet favorevoli biex jinbtu,
jinfirxu u jippersistu mikroorganiżmi
reżistenti,***

Or. en

**Emenda 15
Mairead McGuinness**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***1a. Jistieden lill-Kummissjoni tittratta n-
nuqqas ta' informazzjoni fir-rigward tal-
użu ta' antibijotiċi fuq skala tal-UE fil-
mediċini veterinarji billi tiġbor data
speċifika għall-ispeċijiet, ta' kwalità u
kumparabbli għal kull Stat Membru;***

Or. en

**Emenda 16
Philippe Juvin**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 – it-tielet inċiż**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- il-bżonn ta' żvilupp ta' aġenti
antimikrobiċi u alternattivi ġodda,

- il-bżonn ta' ***riċerka u ta'*** żvilupp ta' aġenti
antimikrobiċi u alternattivi ġodda,

Or. en

Emenda 17
Horst Schnellhardt
Christa Klaß

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien qafas leġiżlattiv għal azzjoni kontra r-reżistenza antimikrobika,

Emenda

3. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien qafas leġiżlattiv għal azzjoni kontra r-reżistenza antimikrobika, **billi tippromwovi inizjattivi marbuta mal-"użu responsabbli" u ssostni t-tixrid tagħhom u l-informazzjoni dwarhom,**

Or. en

Emenda 18
Mairead McGuinness

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien qafas leġiżlattiv għal azzjoni kontra r-reżistenza antimikrobika,

Emenda

3. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien qafas leġiżlattiv għal azzjoni kontra r-reżistenza antimikrobika, **permezz tal-promozzjoni ta' inizjattivi marbuta mal-"użu responsabbli" u sostenn favurihom;**

Or. en

Emenda 19
Marit Paulsen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4a. Jenfasizza li l-objettiv aħħari hu li l-

*aġenti antimikrobiċi jibqgħu jinżammu
bħala strument effikaċi biex jiġi miġġieled
il-mard, kemm fl-animali kif ukoll fil-
bnedmin, filwaqt li l-aġenti antimikrobiċi
jintużaw biss meta verament ikun
meħtieġ;*

Or. en

Emenda 20
Theodoros Skylakakis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*6a. Josserva li f'dan il-fenomeni, aħna
dgħajfin daqs l-aktar ħolqa dgħajfa,
għalhekk għandha tingħata attenzjoni
partikolari lill-pajjiżi b'livelli ta'
reżistenza antimikrobika għolja,*

Or. en

Emenda 21
Christofer Fjellner

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

*8a. Jirrikonoxxi li n-nuqqas, min-naħa
tal-pazjenti, ta' aderenza u ta' konformità
mar-riċetti mediċi, bħal meta jinjoraw li
jtemmu è-ċiklu tat-trattament jew ma
jsegwux ir-rakkomandazzjonijiet dwar id-
dożaġġ, jikkontribwixxi bil-bosta għar-
reżistenza antimikrobika,*

Or. en

Emenda 22
Theodoros Skylakakis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9a. Jenfasizza l-fatt li fil-qafas tal-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi, l-atturi rilevanti għandhom jagħtu attenzjoni lill-użu aħjar tal-antibijotiċi attwalment disponibbli, permezz ta' eżami bir-reqqa tad-dożaġġ, it-tul tat-trattament u l-kombinazzjoni ta' mediċini,

Or. en

Emenda 23
Françoise Grossetête

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10. Jilqa' favorevolment, għalhekk, il-jum Ewropew tas-sensibilizzazzjoni dwar l-użu tajjeb tal-antibijotiċi li jitfakkar kull sena fit-18 ta' Novembru, biex jissensibilizza dwar it-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika u biex jappella għal iktar użu responsabbli tal-antibijotiċi,

10. Jilqa' favorevolment, għalhekk, il-jum Ewropew tas-sensibilizzazzjoni dwar l-użu tajjeb tal-antibijotiċi li jitfakkar kull sena fit-18 ta' Novembru, biex jissensibilizza dwar it-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika u biex jappella għal iktar użu responsabbli tal-antibijotiċi, **permezz ta' azzjonijiet moltepliċi fl-Istati Membri,**

Or. en

Emenda 24
Peter Liese
Françoise Grossetête
Mairead McGuinness

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jilqa' favorevolment, għalhekk, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika (**EARSS**) filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi wħud mill-pajjiżi,

Emenda

12. Jilqa' favorevolment, għalhekk, **il-*ħidma li bdiet tagħmel*** is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika ***u illum inkomplija mill-ECDC f'dak li huwa ġbir ta' data fuq skala tal-UE, ta' kwalità u kumparabbli dwar ir-reżistenza antimikrobika,*** filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi wħud mill-pajjiżi. ***Jilqa' favorevolment ukoll il-*ħidma mibdija mill-proġett ta' Sorveljanza Ewropea tal-Konsum tal-Antimikrobiċi u illum inkomplija mill-ECDC f'dak li huwa ġbir ta' data fuq skala tal-UE, ta' kwalità u kumparabbli dwar il-konsum tal-antimikrobiċi,****

Or. en

Emenda 25
Christofer Fjellner

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jilqa' favorevolment, għalhekk, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika (EARSS) filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi wħud mill-pajjiżi,

Emenda

12. Jilqa' favorevolment, għalhekk, **il-*ħidma li bdiet tagħmel*** is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika (EARSS) ***u illum inkomplija mill-ECDC f'dak li huwa ġbir ta' data fuq skala tal-UE dwar ir-reżistenza antimikrobika,*** filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi wħud mill-pajjiżi,

Or. en

Emenda 26
Horst Schnellhardt
Christa Klauß

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jilqa' favorevolment, għalhekk, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika (EARSS) filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi wħud mill-pajjiżi,

Emenda

12. Jilqa' favorevolment, għalhekk, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika (EARSS) **u s-Sorveljanza Ewropea tal-Konsum tal-Antimikrobiċi għal Użu Veterinarju (ESVAC)**, filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi wħud mill-pajjiżi,

Or. en

Emenda 27
Linda McAvan

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Jilqa' favorevolment, għalhekk, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika (EARSS) filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi wħud mill-pajjiżi,

Emenda

12. Jilqa' favorevolment, għalhekk, is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika (EARSS) **u l-proġett tas-Sorveljanza Ewropea tal-Konsum tal-Antimikrobiċi għal Użu Veterinarju (ESVAC)**, filwaqt li jirrikonoxxi li bosta diffikultajiet għadhom jeżistu fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-kwalità tad-data f'xi wħud mill-pajjiżi,

Or. en

Emenda 28
Christofer Fjellner

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12a. Jilqa' favorevolment ukoll il-ħidma mibdija mill-proġett ta' Sorveljanza Ewropea tal-Konsum tal-Antimikrobiċi u lllum inkomplija mill-ECDC f'dak li huwa ġbir ta' data fuq skala tal-UE dwar ir-reżistenza antimikrobika,

Or. en

Emenda 29

Theodoros Skylakakis

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12 a (ġdid)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12a. Jenfasizza l-importanza tad-dijanjestika fil-ġlieda kontra r-reżistenza antimikrobika u jappella għal aktar investimenti f'dan il-qasam kif anki għal aktar użu u għal użu aħjar tal-istrumenti dijanjostiċi attwali,

Or. en

Emenda 30

Peter Liese

Françoise Grossetête

Mairead McGuinness

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

13. Jistieden lill-Kummissjoni *tipproponi* mingħajr dewmien *Sistema ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika armonizzata,*

13. Jistieden lill-Kummissjoni, *lill-ECDC u lill-aġenziji tal-UE l-oħra rilevanti jaħdmu flimkien* mingħajr dewmien *biex jiġu żviluppati sistemi ta' monitoraġġ*

armonizzati u integrati għar-reżistenza antimikrobika u għall-użu antimikrobiku fl-Ewropa, inkluż rispons għat-twissijiet bikrin għall-mekkaniżmi u għar-razez ta' reżistenza ġdida,

Or. en

Emenda 31
Christofer Fjellner

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien Sistema ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika armonizzata,

Emenda

13. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien Sistema ta' Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobika armonizzata ***u integrata, inkluż rispons għat-twissijiet bikrin għall-mekkaniżmi u għar-razez ta' reżistenza ġdida,***

Or. en

Emenda 32
Philippe Juvin

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Il-bżonn ta' żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi u alternattivi ġodda

Emenda

Il-bżonn ta' ***riċerka u ta'*** żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi u alternattivi ġodda

Or. en

Emenda 33
Françoise Grossetête

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Iqis li t-tnaqqis fir-riċerka u fl-iżvilupp huwa r-riżultat ta' falliment tas-suq u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex toħloq jew ittejjeb l-inċentivi għall-industrija farmaċewtika biex tintensifika l-investimenti fir-riċerka u żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi ġodda u f'alternattivi possibbli ***filwaqt li tirrikonoxxi li l-mediċini mhumiex se jkunu kapaċi jżommu l-pass mal-iżvilupp tar-reżistenza kkawżata minn użu inadegwat tal-antibijotiċi,***

Emenda

15. Iqis li t-tnaqqis fir-riċerka u fl-iżvilupp huwa r-riżultat ta' falliment tas-suq u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti, ***permezz ta' toroq regolamentari u tipi ta' miżuri oħrajn,*** biex toħloq jew ittejjeb l-inċentivi għall-industrija farmaċewtika biex tintensifika l-investimenti fir-riċerka u żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi ġodda u f'alternattivi possibbli,

Or. en

Emenda 34
Christofer Fjellner

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Iqis li t-tnaqqis fir-riċerka u fl-iżvilupp huwa r-riżultat ta' falliment tas-suq u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex toħloq jew ittejjeb l-inċentivi għall-industrija farmaċewtika biex tintensifika l-investimenti fir-riċerka u żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi ġodda u f'alternattivi possibbli ***filwaqt li tirrikonoxxi li l-mediċini mhumiex se jkunu kapaċi jżommu l-pass mal-iżvilupp tar-reżistenza kkawżata minn użu inadegwat tal-antibijotiċi,***

Emenda

15. Iqis li t-tnaqqis fir-riċerka u fl-iżvilupp huwa r-riżultat ta' falliment tas-suq u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex toħloq jew ittejjeb l-inċentivi għall-industrija farmaċewtika biex tintensifika l-investimenti fir-riċerka u żvilupp ta' aġenti antimikrobiċi ġodda u f'alternattivi possibbli,

Or. en

Emenda 35
Theodoros Skylakakis

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. Ifakkar fil-bżonn ta' iżjed riċerka dwar aġenti antimikrobiċi ġodda kif ukoll dwar alternattivi possibbli fi ħdan il-Programmi Qafas tal-UE dwar ir-Riċerka,

Emenda

16. Ifakkar fil-bżonn ta' iżjed riċerka dwar aġenti antimikrobiċi ġodda kif ukoll dwar alternattivi possibbli fi ħdan il-Programmi Qafas tal-UE dwar ir-Riċerka ***u jħeġġeġ riċerka kollaborattiva f'livell tal-UE li jkun jista' jkollha opportunitajiet biex tinkiseb l-effiċjenza,***

Or. en

**Emenda 36
Christofer Fjellner**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16 a (ġdid)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

16a. Josserva li n-nuqqas ta' dijanjożi rapida għen kemm l-użu eċċessiv ta' antibijotiċi kif ukoll biex jgħolli l-kostijiet tal-iżvilupp,

Or. en

**Emenda 37
Françoise Grossetête**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16 a (ġdid)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

16a. Jirrikonoxxi l-bżonn ta' promozzjoni ta' miżuri kumplementari bħall-użu ta' vaċċini effikaċi għall-prevenzjoni tal-infezzjonijiet kif jinsabu fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-

Or. en

Emenda 38
Françoise Grossetête

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-miżuri dwar ir-reżistenza antimikrobika u s-saħħa pubblika huma parti minn approċċ olistiku dwar ir-reżistenza antimikrobika u tirrikonoxxi r-rabtiet mal-miżuri intiżi biex jiġġieldu r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi fil-mediċini veterinarji, fl-għalf u fil-koltivazzjoni ta' ghelejjejl,

Emenda

17. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-miżuri dwar ir-reżistenza antimikrobika u s-saħħa pubblika huma parti minn approċċ olistiku dwar ir-reżistenza antimikrobika u tirrikonoxxi r-rabtiet mal-miżuri intiżi biex jiġġieldu r-reżistenza għal aġenti antimikrobiċi fil-mediċini veterinarji, fl-għalf u fil-koltivazzjoni ta' ghelejjejl, ***partikolarment fir-rigward tar-riskju ta' trażmissjoni inkruċjata,***

Or. en

Emenda 39
Christofer Fjellner

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda 40
Horst Schnellhardt
Christa Klauß

Emenda

17a. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi għall-allinjament u t-titjib tal-valutazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-antibijotiċi l-ġodda,

Or. en

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jistieden lill-Kummissjoni **tittratta l-problema tal-użu fuq skala kbira ta' antibijotiċi fis-settur tat-trobbija tal-annimali fil-qasam tal-mediċina veterinarja,**

Emenda

18. Jistieden lill-Kummissjoni **tkompli ssostni l-EARSS u l-ESVAC f'dak li hu ġbir ta' data dwar l-użu ta' antibijotiċi bħala bażi għall-miżuri futuri biex ikun garantit użu responsabbli,**

Or. en

**Emenda 41
Françoise Grossetête**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jistieden lill-Kummissjoni tittratta l-problema tal-użu fuq skala kbira ta' antibijotiċi fis-settur tat-trobbija tal-annimali fil-qasam tal-mediċina veterinarja,

Emenda

18. Jistieden lill-Kummissjoni tittratta l-problema tal-użu fuq skala kbira ta' antibijotiċi fis-settur tat-trobbija tal-annimali fil-qasam tal-mediċina veterinarja, **partikolarment permezz ta' analiżi u tqabbil aħjar tad-data eżistenti u ġbir aħjar ta' data ġdida dwar is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali,**

Or. en

**Emenda 42
Marit Paulsen**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18 a (ġdid)**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18a. Jappella, b'mod partikolari, għall-istabbiliment ta' prattiki tajba għat-trobbija tal-annimali li jimminimizzaw ir-

*riskju għar-reżistenza antimikrobika;
jenfasizza li dawn il-prattiki għandhom
japplikaw b'mod partikolari għall-frieħ li
huma raggruppati minn diversi persuni li
jrabbu l-bhejjem u għalhekk iżidu r-riskju
ta' mard li jittieħed,*

Or. en

Emenda 43
Horst Schnellhardt
Christa Klaß

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq
proposti leġiżlattivi biex jeliminaw
gradwalment l-użu profilattiku tal-
antibijotiċi fit-trobbija tal-annimali,

Emenda

19. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq
proposti leġiżlattivi biex jeliminaw
gradwalment l-użu profilattiku tal-
antibijotiċi fit-trobbija tal-annimali, **billi**
tqis kriterji b'bażi xjentifika u definiti
b'mod ċar għall-bżonn ta' użu ta'
antibijotiċi f'każ ta' profilassi, li
għandhom jiffasslu mill-Aġenzija
Ewropea għall-Mediċini,

Or. en

Emenda 44
Linda McAvan
Kriton Arsenis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19a. Jisħaq fuq il-fatt li s-settur tat-
trobbija tal-annimali u tal-pixxikultura
intensiva għandhom jikkonċentraw fuq il-
prevenzjoni tal-mard permezz ta' iġjene,
alloġġi u żooteknika tajbin, kif anki

miżuri rigorużi ta' bijosigurtà, aktar milli jirrikorru għall-profilassi bl-antibijotiċi,

Or. en

Emenda 45
Kriton Arsenis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19 b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19b. Josserva li r-residwi farmaċewtiċi li ntemew b'mod żbaljat jispiċċaw fil-passaġġi tal-ilma tagħna b'hekk iżidu l-esponiment mhux intenzjonali għal varjetà ta' sustanzi marbuta mar-reżistenza antibijotika, Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi aktar riċerka fuq ir-riperkussjonijiet ta' esponiment fit-tul għar-residwi farmaċewtiċi mill-ilma u mill-ħamrija,

Or. en

Emenda 46
Horst Schnellhardt
Christa Klauf

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20. Jappella għal separazzjoni bejn l-ingredjenti attivi u l-mekkaniżmi ta' effett użati fil-mediċina tal-bniedem u f'dik veterinarja sal-punt possibbli biex tnaqqas ir-riskju ta' reżistenza kontra l-antibijotiċi milli tiġi trasferita mill-annimali mrobbija għall-bniedem,

20. Jappella għal separazzjoni bejn l-ingredjenti attivi u l-mekkaniżmi ta' effett użati fil-mediċina tal-bniedem u f'dik veterinarja sal-punt possibbli biex tnaqqas ir-riskju ta' reżistenza kontra l-antibijotiċi milli tiġi trasferita mill-annimali mrobbija għall-bniedem, ***u dan ma jridx, madankollu, jimponi restrizzjonijiet fuq għażliet effikaċi ta' trattament,***

Emenda 47
Horst Schnellhardt
Christa Klaß

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

21. Iqis li l-użu tal-hekk imsejħa antibijotiċi "tal-aħħar istanza" li jimmiraw aġenti patoġeni umani għandu ***jiġi projbit*** fl-użu agrikolu,

Emenda

21. Iqis li l-użu tal-hekk imsejħa antibijotiċi "tal-aħħar istanza" li jimmiraw aġenti patoġeni umani għandu ***jkun permess*** fl-użu agrikolu ***esklużivament f'ċirkostanzi definiti biċ-ċar***,

Emenda 48
Kriton Arsenis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21a. Josserva li l-patata tal-lamtu ĠM Amflora approvata dan l-aħħar fiha ġene markatur li jikkawża reżistenza għall-antibijotiċi u l-użu tagħha jirriskja li jnaqqas l-effikaċja tal-antibijotiċi użati estensivament. Jistieden lill-Kummissjoni, skont il-prinċipju prekawzjonarju, tipprojbixxi l-OĠM li jkun fihom ġeni li jesprimu reżistenza għall-antibijotiċi użati għat-trattament mediku jew veterinarju,

Emenda 49
Horst Schnellhardt
Christa Klaß

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

22. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-operazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u ma' partijiet u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn f'livell internazzjonali bil-għan li r-reżistenza antimikrobika tiġi ttrattata b'mod aktar effikaċi f'livell dinji, u jilqa' f'dan il-kuntest l-istabbiliment tat-task force Transatlantika dwar ir-reżistenza antimikrobika urġenti (TATFAR),

Emenda

22. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-operazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), ***l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku (OIE)*** u ma' partijiet u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn f'livell internazzjonali bil-għan li r-reżistenza antimikrobika tiġi ttrattata b'mod aktar effikaċi f'livell dinji, u jilqa' f'dan il-kuntest l-istabbiliment tat-task force Transatlantika dwar ir-reżistenza antimikrobika urġenti (TATFAR),

Or. en

**Emenda 50
Mairead McGuinness**

**Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22**

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

22. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ***l-operazzjoni*** mill-qrib mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u ma' partijiet u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn f'livell internazzjonali bil-għan li r-reżistenza antimikrobika tiġi ttrattata b'mod aktar effikaċi f'livell dinji, u jilqa' f'dan il-kuntest l-istabbiliment tat-task force Transatlantika dwar ir-reżistenza antimikrobika urġenti (TATFAR),

Emenda

22. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ***il-kooperazzjoni*** mill-qrib mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), ***l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku (OIE)*** u ma' partijiet u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn f'livell internazzjonali bil-għan li r-reżistenza antimikrobika tiġi ttrattata b'mod aktar effikaċi f'livell dinji, u jilqa' f'dan il-kuntest l-istabbiliment tat-task force Transatlantika dwar ir-reżistenza antimikrobika urġenti (TATFAR),

Or. en

Emenda 51
Theodoros Skylakakis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22 a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***22a. Jistieden lill-Kummissjoni
tiggarrantixxi li jkunu disponibbli biżżejjed
riżorsi finanzjarji u umani għall-
implimentazzjoni tal-istrateġiji rilevanti,***

Or. en